## 17 ta' Marzu, 1964

**Imħallef:**

## Onor. Dr. E. Magri, LL.D.

Salvatore Calleja et

*versus*

Onorevoli Avukat Dottor Joseph Cassar Galea.

## Nullita' taċ-ċitazzjoni — Funzjoni tal-Prokuratur Legali.

*Prokuratur Legali għandhu jesperixxi d-dmirijiet tiegħu bir-reqqa kollha u fost dawna d-dmirijiet jemerġi primarjament dak li jassisti il-klijent u li jadempixxi dawk l-inkombenzi li b'liġi espressa, huma riservati għalih.*

*Fil-Qrati Superjuri l-importanza tal-intervent tal-Prokuratur Legali fl-iskritturi li jiġu preżentati fir-Reġistru hija tali li fin-nuqqas tal-parti, ir-reġistratur għandu jirrifjuta li jirċievi kwalunkwe skrittura jekk ma tkunx firmata mill-Prokuratur Legali.*

*Il-presentazzjoni tal-att da parti tal-prokuratur Legali mhix obbligatorja, bħal ma hija għall-formazzjoni tal-att.*

*Għalhekk jekk iċ-ċitazzjoni tiġi preżentata mill-istess parti l-istess presentazzjoni hija valida għaliex hija magħmula minn persuna awtorizzata mill-liġi.*

*Il-Prokuratur Legali li jippreżenta minflok il-parti, għandhu jekk jagħmel personalment. Mandatarju mgħadux skond il-liġi il-fakolta' li jinnomina mandatarju ieħor minfloku mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-mandant u għalhekk kwalunkwe ħaġa li jista jagħmel dan it-terz tista tiġi attakkata direttament mill-mandant kontra min ikun hekk aġixxa. Fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji ġie ritenut li att ġudizjarju preżentat mill-mandatarju f'isem ta' mandatarju ieħor huwa null.*

*Mentri l-avukat huwa rivestit bil-patroċinju tal-klijent il-prokuratur Legali huwa l-istrument materjali ta' dana l-patroċinju fil-kompitu tal-presentazzjoni tal-atti li quddiem il-Qrati Superjuri huma l-espressjoni miktuba ta' dak il-patroċinju.*

*F'dan il-każ il-Qorti jidrilha illi l-preżentata taċ-ċitazzjoni, anki bil-fatt li l-Prokuratur Legali kien preżenti, band'oħra barra mir-Reġistru, fl-Edifizzju tal-Qorti Superjuri, ma saritx regolarment għaliex ma ġietx preżentata personalment mill-Prokuratur Legali kif tirrikjedi il-liġi.*

*Dana iġib in-nullita' taċ-ċitazzjoni.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessari u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress li l-konvenut kellu f'idejh is-somma ta' erbgħin lira li l-attur Ellul ippresta lill-attur Cutajar biex jiġu depożitati bħala pleġġ għal-liberta' provviżorja tal-istess Cutajar, u peress li l-konvenut irrestitwixxa s-somma ta' ħmistax il lira u żamm f'idejh is-somma ta' ħamsa u għoxrin lira fil waqt li kellu dritt iit

trattjeni biss tliet liri, sitt xelini u tmien soldi bħala onorarju professjonali tiegħu kif hemm spjegat fid-dikjarazzjoni, u b'dan il-mod hu ġie approprja ruħu indebitament mis-somma ta' wieħed u għoxrin lira, tlettax il-xelin u erba soldi (£21. 13. 4.) a skapitu tal-attur Cutajar — talbu illi l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat, għar-raġunijiet imsemmija, jirrifondi lill-attur Cutajar l-imsemmi bilanċ ta' £21. 13. 4. li baqagħlu f'idejh mis-somma oriġinali ta' erbgħin lira u li hu approprja ruħu minnu indebitament. Bl-interessi minn-notifika tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Settembru, 1963, u bl-ispejjeż komprisi dawk tal-istess ittra uffiċjali, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi u n-nota tax-xiehda tagħhom;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li qal li qabel xejn l-eċċipjent iħoss illi l-kelma "onorevoli" ma hemmx lokha f'dina ċ-ċitazzjoni u mhuwix opportuni li huwa jiġi indirizzat hekk f'dina il-kawża, u għalhekk jitlob li l-istess tiġi kanċellata; In linja preliminari ċ-ċitazzjoni hija nulla u bla ebda effett peress li ma ġietx preżentata kif titlob il-liġi; li mingħajr preġudizzju għall-permess u fil-meritu d-domanda attriċi hija infondata għaliex l-eċċipjent tħallas ta' dak l-ammont bonarjament miftihem għall-prestazzjonijiet oltri ta' oħrajn.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u n-nota tax-xiehda tiegħu.

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat:

Li l-konvenut in linja preliminari qiegħed jeċċepixxi n-nullita' taċ-ċitazzjoni, billi ma ġietx preżentata kif titlob il-liġi, iġifieri bil-mod preskritt mill-artikolu 180 (1) (b) tal-Proċedura Ċivili.

Ikkunsidrat:

Li dina l-Qorti qabel ma teżamina l-kwistjoni tan-nullita' tal-att taċ-ċitazzjoni, tħoss il-ħtieġa li tinposta dina l-eċċezzjoni fil-kwadru tal-konsiderazjonijiet segwenti:—

(a) Li l-Prokuratur Legali huwa wieħed mill-uffiċjali pubbliċi li jiġi ammess jeżerċita l-professjoni tiegħu wara li jottempera għad-disposizzjonijiet kontemplati fit-Titolu VIII tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u n-nomina tiegħu tidderiva minn warrant tal-Gvernatur taħt is-Siġill Pubbliku ta' Malta (art. 83 tal-Proċedura Ċivili). Taħt dana l-aspett huwa kunsidrat bħala professjonista u għar-rigward tal-proċedura rikjesta għan-nomina tiegħu biex jista' jeżerċita dina l-professjoni huwa ekwiparat u subordinat għal dak li huwa mitlub mill-liġi, biex l-avukati jkunu jistgħu jeżerċitaw il-professjoni tagħhom. (ara Titolu VII tal-Proċedura Ċivili).

(b) Li, fid-dawl ta' dawna l-konsiderazzjonijiet jidher li jinkombu lill-prokuratur Legali li jesperixxi d-dmirijiet tiegħu "bir-reqqa kollha" (art. 84 Proċ. Civ) u fost dawna d-dmirijiet jemerġi primjerament dak li jassisti l-klijent u li jadempixxi dawk l-inkombenzi li, b'liġi espressa, huma riservati għalih;

(c) Li, bħala tali, u f'ċerti każi partikolari, il-Prokuratur Legali, bis-saħħa tal-liġi, isir il-mandatarju tal-

klijent, fl-affarijiet legali, u għalhekk ġiet lilu mogħtija d-denominazzjoni preċiża ta' "prokuratur" tant huwa hekk, li fl-assenza tal-avukat, quddiem il-Qrati Superjuri, il-Qrati tista' tibgħat għall-Prokuratur Legali biex jattendi u jassisti l-parti waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u fin-nuqqas jista' jiġi misjub ħati ta' disprezz għall-awtorita' tal-Qorti (Kollez. XX, 1, 59).

(d) li għal dawna l-prestazzjonijiet jikkompeti lill-Prokuratur Legali dritt separat minn dak tal-avukat, li jista' minnu jiġi esegwit permezz ta' taxxa kontra l-klijent u ma jistgħax jiġi lilu miċħud ankas b'ordni tal-Qorti f'sentenza v. Sent. fuq ċitata Kollez. XX, I, 59).

(e) Li huwa għandhu jikkoopera mal-klijent u mal-Avukat fil-formazzjoni tal-iskritturi li jkunu meħtieġa għall-istruzzjoni tal-proċess.

(f) Li, f'kelma waħda, fil-Qrati Superjuri, l-importanza tal-intervent tal-Prokuratur Legali fl-iskritturi li jiġu preżentati fir-Reġistru hija tali, li fin-nuqqas tal-parti, ir-reġistratur għandhu jirrifjuta li jirċevi kwalunkwe skrittura jekk ma tkunx firmata mill-Prokuratur Legali. (art. 183 (1); 178 (1) tal-Proċedura Ċivili).

Ikkunsidrat:

Li ma tistgħax tiġi sollevata ebda kwistjoni dwar li iċ-ċitazzjoni mhiex firmata mill-Prokuratur Legali Infatti, il-firma tal-Prokuratur Legali Ettore Caruana Sciċluna sottoskritta wara dik tal-Avukat fl-att taċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni ġiet minnu dikjarata bħala tiegħu; u għalhekk, wieħed għandhu jiddesumi li la darba l-prezentata saret f'isem il-Prokuratur Legali, il-parti, jiġifieri l-attur,

ma kienx preżenti meta saret il-presentazzjoni tal-att fir-Reġistru, jew kien presenti u ma talabx li tiġi preżentata f'ismu. Għalhekk għal-fini tas-soluzzjoni ta' dana l-inċident, għandhu jiġi ritenut li l-preżentata taċ-ċitazzjoni saret f'isem il-parti mill-Prokuratur Legali, salvo dik li sejjer jingħad aktar il-quddiem.

Ikkunsidrat:

Li, skond l-art. 180 tal-Proċedura Ċivili, il-preżentata tal-iskritturi tista' issir (a) mill-parti stess li tidher fl-isem tagħha innifisa; (b) minn Prokuratur Legali;

Ikkunsidrat:

Li mix-xiehda tal-Prokuratur Legali Ettore Caruana Scicluna irriżulta li huwa kien preżenti f'Edifizzju tal-Qorti Superjuri dik inhar tal-preżentata taċ-ċitazzjoni in desamina, iżda huwa ma ippreżentax l-istess skrittura fir-Reġistru, għax baqa' fil-pjan t'isfel billi huwa ma kienx jiflaħ jitla' it-taraġ. Dana jfisser li ċ-ċitazzjoni ma setgħetx tiġi materjalment preżentata minnu.

Ikkunsidrat:

Li l-presentazzjoni da parti tal-Prokuratur Legali mhiex obbligatorja, bħal ma hija għal formazjoni tal-att (kolleż. X, 209) u għalhekk jekk iċ-ċitazzjoni ġiet preżentata mill-parti, l-istess presentazzjoni hija valida għaliex hija magħmula minn persuna awtorizzata mill-liġi (Kollez. XXXII, II, 161). Il-Prokuratur Legali huwa sempliċi mandatarju tal-parti, u għalhekk ma jistgħax ikollu ħlief dawk id-drittijiet spettanti lill-parti li tinnominah. Kwindi ma jistgħax jingħad li l-parti, wara l-inkarigatu,

ma tistgħax tagħmel hija stess att li huwa lilu permess mill-liġi. Diversament jista' jiġri li l-mandant xejn ma jista' jagħmel wara li ikkostitwixxa l-mandatarju sal-pont li dak li jagħmel ikun inattendibbli għaliex mhux esegwit mill-mandatarju. Għal dana topponi ruħha in-natura fiha innifisa tal-mandat kompriza fil-prinċipju li "qui per alium facit ipse fecisse videtur" (Fadda, Gurisp. Kod. Ċiv. Italiano art. 1745 numri 75 u 93). F'dan il-kas, ma tiġġjovax l-ipotesi li l-iskrivan tar-Reġistru seta' indika fuq iċ-ċitazzjoni li l-preżentata kienet qegħda ssir mill-P.L. Caruana Scicluna; u dana għaliex l-iżball ta' dan l-iskrivan ma jistgħax jaltera l-fatt li seta' ġera, li ċioe' l-preżentata saret mill-parti stess, u dana in forza tal-prinċipju sancit fil-Kodiċi ta' Giustinianu "plus valet quod agitur" jew aħjar "plus actum quam scriptum valet" (Kod. 1.4. "Quod Valet quod agitur").

Ikkunsidrat:

Li, l-attur pero' ma ġieb ebda prova f'dana s-sens, tant li sostna l-validita' tal-preżentata bil-fatt li l-P.L. Caruana Scicluna issottoskriva ċ-ċitazzjoni, u kien fl-Edifizzju tal-Qorti Superjuri meta saret il-preżentazzjoni.

Ikkunsidrat:

Li, preżentata ta' skrittura fir-Reġistru fil-fehma ta' dina l-Qorti, għandha titqies fis-sens letterali u materjali tagħha; bil-konsenja lill-uffiċjal li huwa inkarigat jirċevuha; għaliex (1) skond il-liġi l-Prokuratur Legali jista' jippreżenta skrittura bħala mandatarju tal-parti; u dina għandha tippreżentaha "fl'isem tagħha innifisa". B'dawna l-aħħar kliem, il-liġi riedet timponi lill-parti, meta tippreżenta skrittura, il-preżenza materjali tagħha fir-Reġistru

fl-att tal-presentazjoni u għalhekk l-Prokuratur Legali li jippreżenta minn flok il-parti, għandu hekk jagħmel personalment, molto piu' li dana l-inkarigu huwa lilu delegat meta l-parti tkun assenti mill-Qorti, in vista tal "munus publicum", tiegħu u tal-fiduċja li jirripondi fih il-litigant biex l-atti li jirrigwardaw il-kontroversja jiġu istitwiti regolarment.

(2) Tant huwa hekk li skond l-art. 181 (1) Tal Proc. Ċiv. il-Prokuratur Legali li jkun ippreżenta l-iskrittura jaddossa ruħu bi dmir materjali ieħor, iġifieri dak li jirċevi n-notifika ta' kull skrittura oħra dwar il-kawża.

(3) Meta l-parti tqabbad Prokuratur Legali fil-kors ordinarju tal-professjoni tiegħu ġeneralment ma tillimitalux is-setgħat tiegħu; u għalhekk f'dana l-kas l-obbligi tal-Prokuratur Legali jsiru ta' natura aktar estisa billi tiġi konferita lilu l-fakulta' li jagħmel dak kollu li jidhirlu meħtieġ għall-esekuzjoni ta' dana l-inkarigu, u li skond ix-xorta tal-professjoni tiegħu, jista' jiġi magħmul minnu (art. 1970 Kod. Ċiv) Dana jfisser li l-kljent għal dak li jirrigwarda anke il-parti materjali tal-assistenza tiegħu jħalli f'idejn il-Prokuratur Legali, li huwa tenut li jottempera ruħu strettament mal-liġi biex ma jippreġudikax l-interessi tal-klijent, billi jħalli l-preżentata ta' atti f'idejn persuni oħra bħala skrivani, etċ li mhumiex rikonoxxuti mill-liġi, anki sal-pont, li huwa anqas ikun jaf jekk l-att ġiex minnhom preżentat jew le, imħabba l-assenza fisika tiegħu, kull tant anki mill-edifizzju tal-Qorti, fil-mument li l-att ikun qiegħed jiġi preżentat. B'dana l-mod il-kondizzjoni tal-mandant tiġi peggjorata għaliex min kellu josserva skrupolożament id-doveri tiegħu sfortunatament ma għamlux, in ispreto għall prinċipju "Diliġenter finis mandati custodiendi sunt" (Para. 1.5. Pr. O mandati 17,1) u

"ignorantia domini conditio deterior per procuratorem fieni non deliet" (Pan. 1.49 de proc 3,3).

(4)Huwa prinċipju bizżejjed magħruf li l-mandatarju m'għandux skond il-liġi l-fakulta' li jinnomina mandatarju ieħor minfloku mingħajr l-awtorizzazjoni tal-mandant (art. 1978 (1) Kod. Ċiv.) u għalhekk kwalunkwe ħaġa li jista' jagħmel dana it-terz tista tiġi attakkata direttament mill-mandant kontra min ikun hekk agixxa (art. 1978 (3) Kod. Ċiv) tant li ġie ritenut, fuq li skorta ta' dawna l-prinċipji b'att ġudizzjarju preżentat mill-mandatarju f'isem ta' mandatarju ieħor, huwa null (Kollez. XXXII, 1, 590).

Ikkunsidrat:

Li, huwa risaput li l-inkarigu li jassumi l-avukat biex jiddefendi l-klijent tiegħu quddiem il-Qrati huwa inkarigu assolutament "sui generis" li javviċina ruħu għall-lokazzjoni ta' opera u anki għall-mandat:— "l'esercizio dell'avvocatura non e' mandato ne' una locazione d'opera, benche' sia questa che a quella vicina: esso e' un ufficio di valore inestimabile alla cui retribuzione provvede la legge speciale para 10 Degesto "De Extraordinaria cognitione (v. Trib. Roma 12, Ottobre, 1885, Fadda, Avvocato, nru. 614, u Kollez. XXX, 1, 625). B'dana kollu l-liġi afdat lill-Prokuratur Legali, bħala awżiljarju tal-Avukati, id-dritt u l-oneri tal-prezentata tal-iskritturi fir-Reġistru in forza tal-artikolu fuq ċitat; u awtorizzat lill-avukat li jippreżentahom biss fil-kors limitat u meta jivverifikaw ruħhom iċ-ċirkustanzi previsti fl-istess artikolu para (f) tal-Proċedura Ċiv. Dina l-konsiderazjoni twassal għar-riliev li Prokuratur Legali huwa l-istrument materjali ta' dana l-mentri l-avukat huwa rivestit bil-patroċinju tal-klijent il-

patroċinju fil-kompitu tal-presentazjoni tal-atti li quddiem il-Qorti Superjuri, huma l-espressjoni miktuba ta' dak il-patroċinju.

Ikkunsidrat:

Li minn eżami tal-ġurisprudenza li pprevaliet fi żmien prossimu għall-promulgazzjoni tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-artikolu fuq ċitat 180, korrispondent għall-art. 207 tal-Proċedura Ċivili qabel ir-revisjoni tal-Kodiċi, ġie interpretat fis-sens li "Di regola la presentazione di *una scrittura nel Registro di una Corte si deve fare colla* consegna della medesima direttamente da una persona . . . autorizzata a presentarla allo ufficiale incaricato a riceverla" (Appell. "Agius vs. Portelli" 15 ta' Settembru 1883, riportati mill-Imħallef Cremona fir "Raccolta della Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile (art. 207 paġ. 338).

Ikkunsidrat:

Li dina l-Qorti hija tal-fehma li l-preżentata taċ-ċitazzjoni, anki bil-fatt li l-Prokuratur Legali kien preżenti, band'oħra barra mir-Reġistru, fl-Ediffizju tal-Qorti Superjuri, *ma saritx regolarment, għaliex ma ġietx preżentata* personalment, mill-Prokuratur Legali kif tirrikjedi l-liġi.

Ikkunsidrat:

Li, il-liġi fil-kas preżenti ma qalet xejn dwar issanzjoni għall-inosservanza tal-imsemmi artikolu. Pero' huwa magħruf li n-nullitajiet jistgħu jkunu dikjarati espressament mill-liġi, jew ma jkunux hekk dikjarati. Bħala

regola ġenerali l-liġijiet u d-dottrina, u l-liġi tagħna in partikolari jippropendu għat-teżi kemm jista jkun tal-validita' tal-att in diskusjoni (Mattiolo Vol. v, 20, Kollez. XXXI, 1, 396; XXXIII, II, 344). Iżda fil-materja in desamina dina l-Qorti hija proklivi li tirritjeni li l-preżentazzjoni ta' att mill-Prokuratur Legali personalment, hija partikularita' sostanzjali meħtieġa mill-liġi espressament, u għalhekk l-inosservanza tagħha ġġib in-nullita' kontemplata mill-artikolu 792 (1) (d) tal-Proċedura Ċivili.

Għal dawna l-motivi.

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullita' taċ-ċitazzjoni sollevata mill-konvenut, u tillibera l-istess konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.